MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 789/2010

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Jonathan Briffa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jonathan Briffa ta' 34 sena, iben Alfred u Frances nee' Gialanze, mwieled Attard nhar is-6 ta' April 1976 u residenti gewwa Bramwell Court, Flat 5, Triq l-Immakulata, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 267776(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fid-9 ta' Lulju 2010, ghal habta ta' 22:30hrs u 23:59hrs, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 1576 Simon Grech, PC 1496 Godwin Farrugia u PC 1580 Jonathan Paris, li hija vjolenza pubbblika, li huma persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarajment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fl-ghamara tal-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew il-Gvern ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku billi offenda lil PS 1576 Simon Grech, PC 1496 Godwin Farrugia u PC 1580 Jonathan Paris

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubbblika b'ghajjat, storbju u glied.

6. Fid-9 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 22:20hrs waqt illi kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JON076 tal-ghamla Hyundai gewwa Triq San Pawl, Bormla saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u bla kont.

7. Fid-9 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 22:20hrs waqt illi kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JON076 tal-ghamla Hyundai gewwa Triq San Pawl Bormla saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu l-imsemmija vettura li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs wara li kien avzat li n-nuqqas jew ir-rifjut li jaghmel dak mehtieg kien reat.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'

jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Awwissu, 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Settembru, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Marzu 2011 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju pjuttost bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa u l-fatt li waqt l-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2011 l-Prosekuzzjoni

irrinunzjat ghat-talba ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 338(dd) u 338(bb) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), 15A u 15D tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum u tikkundannah multa ta’ sitt mitt Ewro (€600) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista tithallas f’pagamenti rateali u mensili ta’ mitt ewro (€100) b’dan illi jekk l-imputat jonqos milli jeffetwa pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f’gurnata prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€11.65) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------